MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-4 ta' April, 2003

Talba Numru. 481/2003

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Karen Schembri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Frar 2003, fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tnejn u sebghin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm372.43) rappresentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenuta lis-socjeta' attrici skond client contract number 05219 in rigward ghal servizzji rezi lilha mis-socjeta' attrici fix-xhur bejn April 2002 u Awissu 2002.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Dicembru 2002, u dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-Avviz u bl-imghaxijiet sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-PL Peter Sammut in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u tnejn u sebghin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm372.43), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta’ Dicembru 2002 u dak tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------